SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

14 ta' Ġunju 2016*

"Appell — Membru tal-Parlament Ewropew — Allowance tal-assistenza parlamentari — Irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament — Irkupru — Miżuri ta' implementazzjoni tal-istatus tal-membri fil-Parlament — Rispett tad-drittijiet tad-difiża — Prinċipju ta' imparzjalità — Preskrizzjoni — Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 — Artikoli 78 sa 81 — Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 — Artikoli 81, 82 u 93 — Prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi — Terminu raġonevoli"

Fil-Kawża C-566/14 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fis-6 ta' Diċembru 2014,

Jean-Charles Marchiani, residenti f'Toulon (Franza), irrappreżentat minn C.-S. Marchiani, avukat,

appellant,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Parlament Ewropew, irrappreżentat minn G. Corstens u S. Seyr, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenut fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, A. Tizzano, Viċi President, R. Silva de Lapuerta, M. Ilešič (Relatur), J. L. da Cruz Vilaça, A. Arabadjiev, C. Toader, D. Šváby, F. Biltgen, Presidenti ta' Awla, J.-C. Bonichot, M. Safjan, E. Jarašiūnas, C. G. Fernlund, C. Vajda u S. Rodin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Wathelet,

Reġistratur: V. Giacobbo-Peyronnel, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-8 ta' Diċembru 2015,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2016,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Sentenza

1 Permezz tal-appell tiegħu, Jean-Charles Marchiani jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tal-10 ta' Ottubru 2014, Marchiani vs Il-Parlament (T-479/13, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2014:866), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tiegħu intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew, tal-4 ta' Lulju 2013, dwar l-irkupru mingħand l-appellant ta' somma ta' EUR 107694.72 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata") u tan-nota ta' debitu Nru 2013-807 tal-5 ta' Lulju 2013 li kienet relatata magħha (iktar 'il quddiem in-"nota ta' debitu inkwistjoni").

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012

2 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU 2012, L 298, p. 1), jipprovdi, fl-Artikolu 78 tiegħu intitolat "Stabbiliment tal-ammonti riċevibbli":

"1. L-istabbiliment ta' ammont riċevibbli huwa l-att li bih l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli:

a) jivverifika li d-dejn jeżisti;

b) jiddetermina jew jivverifika r-realtà u l-ammont tad-dejn;

c) jivverifika l-kundizzjonijiet li fihom ikun dovut id-dejn.

2. Ir-riżorsi proprji mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u kull ammont riċevibbli li huwa identifikat bħala li jkun ċert, ta' ammont fiss u dovut għandu jkun stabbilit b'ordni ta' rkupru lill-uffiċjal tal-kontabilità segwit b'nota ta' debitumibgħuta lid-debitur, it-tnejn imħejjija mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli.

3. L-ammonti li jitħallsu bi żball għandhom jiġu rkuprati.

4. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 210 rigward ir-regoli dettaljati dwar l-istabbiliment tal-ammonti riċevibbli, inklużi l-proċedura u provi dokumentarji, u l-interessi għal inadempjenza fil-ħlas."

3 L-Artikolu 79 ta' dan ir-regolament, intitolat "Awtorizzazzjoni tal-irkupru", jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-awtorizzazzjoni tal-irkupru hija att li permezz tiegħu l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jagħti struzzjonijiet lill-uffiċjal tal-kontabilità, bil-ħruġ ta' ordni ta' rkupru, sabiex jirkupra ammont riċevibbli li l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jkun stabbilixxa."

4 L-Artikolu 80 ta' dan ir-regolament, intitolat "Regoli dwar l-irkupru", jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-uffiċjal tal-kontabilità għandu jaġixxi fuq ordnijiet għall-irkupru għal ammonti riċevibbli li jkunu ġew iddeterminati b'mod xieraq mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli. L-uffiċjal tal-kontabilità għandu jeżerċita diliġenza dovuta sabiex jiżgura li l-Unjoni tirċievi d-dħul tagħha u għandu jara li d-drittijiet tagħha jkunu ssalvagwardjati.

L-uffiċjal tal-kontabilità għandu jirkupra ammonti billi jpaċihom ma' pretensjonijiet ekwivalenti li l-Unjoni jkollha fuq kull debitur li hu wkoll għandu pretensjoni kontra l-Unjoni. Tali pretensjonijiet għandhom jkunu ċerti, ta' ammont fiss u eżegwibbli."

5 Skont l-Artikolu 81 tar-Regolament Nru 966/2012, intitolat "Perjodu ta' limitazzjoni":

"1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' regolamenti speċifiċi u l-applikazzjoni tad-[Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom, tas-7 ta' Ġunju 2007, dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU 2007, L 163, p. 17)] id-drittijiet tal-Unjoni fir-rigward ta' partijiet terzi u d-drittijiet ta' partijiet terzi fir-rigward tal-Unjoni għandhom ikunu soġġetti għal perjodu ta' limitazzjoni ta' ħames snin.

2. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 210 rigward ir-regoli dettaljati dwar il-perjodu ta' limitazzjoni."

6 L-Artikolu 81(1) tar-Regolament Nru 966/2012 huwa mfassal b'mod simili għall-Artikolu 73a tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, tal-25 ta' Ġunju 2002, rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 74) kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1995/2006, tat-13 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 390, p. 1).

Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012

7 L-Artikolu 81 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012, tad-29 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 966/2012 (ĠU 2012 L 362, p. 1), jipprovdi:

"Sabiex jistabbilixxi ammont riċevibbli, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jiżgura li:

a) ir-riċevibbli jkun ċert, jiġifieri ma jkun soġġett għall-ebda kundizzjoni;

b) ir-riċevibbli jkun ta' ammont fiss, espress preċiżament f'termini ta' flus kontanti;

c) ir-riċevibbli jkun dovut u ma jkun soġġett għall-ebda żmien ta' ħlas;

d) id-dettalji tad-debitur ikunu korretti;

e) l-ammont li jrid jiġi rkuprat jitniżżel fil-partita korretta tal-baġit;

f) id-dokumenti ta' sostenn ikunu kif suppost; u

g) ikun irrispettat il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, b'mod partikolari fir-rigward tal-kriterji msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 91(1)."

8 Skont l-Artikolu 82(1) u (2) ta' dan ir-regolament ta' delega:

"1. L-ammont riċevibbli jrid jiġi stabbilit fuq il-bażi tad-dokumenti ta' sostenn li jiċċertifikaw l-intitolament tal-Unjoni.

2. Qabel jistabbilixxi ammont riċevibbli, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jivverifika d-dokumenti ta' sostenn huwa stess jew, taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għandu jaċċerta li dan ikun sar."

9 L-Artikolu 93 tal-imsemmi regolament ta' delega, intitolat "Regoli għall-perjodi ta' limitazzjoni", jipprovdi:

"1. Il-perjodu ta' limitazzjoni għall-intitolamenti tal-Unjoni fir-rigward ta' partijiet terzi jibda jiddekorri malli tinqabeż l-iskadenza kkomunikata lid-debitur fin-nota ta' debitu kif speċifikat fl-Artikolu 80(3)(b).

Il-perjodu ta' limitazzjoni għall-intitolamenti ta' partijiet terzi fir-rigward tal-Unjoni jibda jiddekorri mill-ġurnata li fiha jkun dovut il-ħlas tal-intitolamenti lill-parti terza skont l-impenn legali korrispondenti.

[…]

6. Ma jiġux irkuprati intitolamenti wara l-iskadenza tal-perjodu ta' limitazzjoni, kif stabbilit fil-paragrafi minn 1 sa 5."

10 Il-kliem tal-Artikolu 93(1) tar-Regolament ta' Delega Nru 1268/2012 jikkorrispondi ma' dak tal-Artikolu 85b(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002, tat-23 ta' Diċembru 2002, li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 145), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 478/2007, tat-23 ta' April 2007, li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-eżekuzzjoni tar-Regolament Nru 1605/2002 (ĠU L 56M, p. 337).

Ir-regoli dwar l-ispejjeż u l-allowances tal-membri tal-Parlament Ewropew

11 L-Artikolu 27(3) u (4) tar-Regoli dwar l-ispejjeż u l-allowances tal-membri tal-Parlament Ewropew (iktar 'il quddiem ir-"Regoli PEAM") kien jipprovdi, fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ sal-14 ta' Lulju 2009:

"Jekk is-Segretarju Ġenerali, b'konsultazzjoni mal-Kwesturi, huwa ċert li tħallsu somom indebitament bħala indennizzi previsti f'dawn ir-Regoli tal-Proċedura lil membri tal-Parlament Ewropew, huwa għandu jagħti struzzjonijiet sabiex jiġu rkuprati dawn is-somom mingħand il-membru kkonċernat."

12 Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju u tad-9 ta' Lulju 2008 dwar miżuri ta' implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew (ĠU 2009, C 159, p. 1), fil-verżjoni tagħha fis-seħħ wara l-21 ta' Ottubru 2010 (ĠU 2010, C 283, p. 9) (iktar 'il quddiem il-"miżuri ta' implementazzjoni"), tipprovdi, fl-Artikolu 68 tagħha, intitolat "Irkupru ta' ħlasijiet indebiti":

"1. Kwalunkwe somma li titħallas b'mod indebitu skont dawn il-miżuri ta' implimentazzjoni għandha tiġi rkuprata. Is-Segretarju Ġenerali għandu jagħti istruzzjonijiet bil-għan li jiġu rkuprati dawn l-ammonti mill-Membru kkonċernat.

2. Kull deċiżjoni dwar l-irkupru ta' ħlasijiet indebiti għandha tkun konsistenti mar-rekwiżit li l-Membri għandu jkollhom id-dritt li jwettqu l-mandat tagħhom b'mod effettiv u bit-tħaddim tajjeb tal-Parlament. Qabel tittieħed kwalunkwe deċiżjoni, is-Segretarju Ġenerali għandu jisma' lill-Membru kkonċernat.

3. Dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għall-ex Membri u l-aġenti tal-ħlas."

13 It-Titolu III tal-imsemmija miżuri ta' implementazzjoni, intitolat "Dispożizzjonijiet ġenerali u finali", jinkludi fih Kapitolu IV relattiv għad-"Dispożizzjonijiet finali". Taħt dan il-Kapitolu IV, l-Artikolu 72, intitolat "Ilmenti", jipprovdi:

"1. Membru li jidhirlu li dawn il-miżuri ta' implimentazzjoni ma ġewx applikati sew mis-servizz kompetenti fir-rigward tiegħu jista' jagħmel ilment bil-miktub lis-Segretarju Ġenerali.

Id-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali dwar l-ilment għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata.

2. Jekk Membru ma jaqbilx mad-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali, fi żmien xahrejn wara n-notifika tad-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali, jista' jitlob li l-kwestjoni tintbagħat lill-Kwesturi, li jieħdu deċiżjoni wara konsultazzjoni mas-Segretarju Ġenerali..

3. Jekk parti għall-proċedura tal-ilment ma taqbilx mad-deċiżjoni adottata mill-Kwesturi, din tista', fi żmien xahrejn wara n-notifika dwar dik id-deċiżjoni, titlob li l-kwestjoni tintbagħat lill-Bureau li jieħu d-deċiżjoni finali..

4. Dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għal suċċessur legali tal-Membru kif ukoll għal dawk li kienu Membri u s-suċċessuri legali tagħhom."

14 Skont l-Artikolu 74 tal-miżuri ta' implementazzjoni:

"Suġġett għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stipulati fit-Titolu IV, ir-Regoli PEAM jieqfu japplikaw fid-data li fiha l-Istatut jidħol fis-seħħ."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

15 Jean-Charles Marchiani kien ġie elett membru tal-Parlament mill-20 ta' Lulju 1999 sad-19 ta' Ġunju 2004. Bejn is-sena 2001 u s-sena 2004, huwa għamel użu mis-servizzi ta' assistenza parlamentari tas-Sinjura T. u tas-Sur T. kif ukoll, bejn is-sena 2002 u s-sena 2004, minn dawk tas-Sinjura B. Fit-30 ta' Settembru 2004, qorti istruttorja fi ħdan il-qorti tal-prim'istanza ta' Pariġi (Franza) informat lill-President tal-Parlament li l-funzjonijiet eżerċitati bejn is-sena 2001 u s-sena 2004 mis-Sinjura T. u mis-Sur T. jista' ma jkollhom ebda rabta reali mal-funzjonijiet ta' assistent parlamentari.

16 B'deċiżjoni tal-4 ta' Marzu 2009, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament (iktar 'il quddiem is-"Segretarju Ġenerali"), wara proċedura kontradittorja u wara li kkonsulta lill-Kwesturi fl-14 ta' Jannar 2009, ikkonstata li ammont ta' EUR 148160.27 kien tħallas indebitament lill-appellant fil-kuntest tal-Artikolu 14 tar-Regoli PEAM, u talab lill-uffiċjal awtorizzanti tal-Parlament jieħu l-miżuri neċessarji għall-irkupru ta' dan l-ammont.

17 Fl-istess jum, l-uffiċjal awtorizzanti tal-Parlament bagħat lill-appellant nota ta' debitu fejn talab ir-rimbors ta' EUR 148160.27.

18 Fl-14 ta' Awwissu 2009, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), wara li l-fajl li jikkonċerna l-irregolaritajiet inkwistjoni kien mibgħut lilu mis-Segretarju Ġenerali fil-21 ta' Ottubru 2008, innotifika lill-Parlament u lill-appellant bil-ftuħ ta' investigazzjoni.

19 Fl-14 ta' Ottubru 2011, l-OLAF, wara li fis-6 ta' Lulju 2011 investiga u sema' lill-appellant, bagħat lill-Parlament kopja tar-rapport finali tal-investigazzjoni tiegħu (iktar 'il quddiem ir-"rapport tal-OLAF"). Dan tal-aħħar ikkonkluda li l-appellant kien irċieva indebitament allowances għall-funzjonijiet eżerċitati mis-Sinjura T., mis-Sur T. u mis-Sinjura B. u rrakkomanda lill-Parlament jieħu l-miżuri neċessarji għall-irkupru tas-somom dovuti. Fil-25 ta' Ottubru 2011, l-OLAF innotifika lill-appellant dwar l-għeluq tal-investigazzjoni.

20 Fit-28 ta' Mejju 2013, abbażi tar-rapport tal-OLAF, is-Segretarju Ġenerali, skont l-Artikolu 27(3) tar-Regoli PEAM, informa lill-appellant bl-intenzjoni tiegħu li jipproċedi għall-irkupru tas-somom kollha mħallsa mill-Parlament fir-rigward tas-Sinjura T., tas-Sur T, u tas-Sinjura B u stiednu sabiex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu f'dan ir-rigward.

21 Fil-25 ta' Ġunju 2013, is-Segretarju Ġenerali sema' lill-appellant waqt seduta. Fis-27 ta' Ġunju 2013, l-appellant bagħat il-minuti tas-seduta lis-Segretarju Ġenerali. Il-Kwesturi ġew ikkonsultati mis-Segretarju Ġenerali fit-2 ta' Lulju 2013.

22 Permezz tad-deċiżjoni kkontestata, is-Segretarju Ġenerali kkonstata li, filwaqt li d-deċiżjoni tal-4 ta' Marzu 2009 kienet tipprovdi għall-irkupru ta' somma ta' EUR 148160.27, ammont addizzjonali ta' EUR 107694.72 kien tħallas indebitament lill-appellant u talab lill-uffiċjal awtorizzanti tal-Parlament jieħu l-miżuri neċessarji għall-irkupru ta' dan l-aħħar ammont. Essenzjalment, is-Segretarju Ġenerali qies li l-appellant ma pproduċiex il-provi li juru li s-Sinjura T., is-Sur T. u s-Sinjura B. kienu wettqu xogħlijiet ta' assistent parlamentari.

23 Billi ġie kkonstatat li l-ammonti mħallsa bħala allowance ta' assistent parlamentari kienu jirrappreżentaw total ta' EUR 255854.99, li parti minnhom kienet is-suġġett tad-deċiżjoni tal-4 ta' Marzu 2009, id-deċiżjoni kkontestata kkonkludiet li ammont ta' EUR 107694.72 ma kienx konformi mar-Regoli PEAM u kellu jiġi rkuprat. Fil-5 ta' Lulju 2013, l-uffiċjal awtorizzanti tal-Parlament ħareġ in-nota ta' debitu inkwistjoni li tordna l-irkupru tas-somma ta' EUR 107694.72 qabel il-31 ta' Awwissu 2013.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

24 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-3 ta' Settembru 2013, l-appellant ippreżenta rikors intiż sabiex jikseb l-annullament tad-deċiżjoni inkwistjoni u tan-nota ta' debitu inkwistjoni.

25 Insostenn tar-rikors tiegħu, l-appellant invoka ħames motivi, ibbażati, l-ewwel, fuq il-ksur tal-proċedura prevista mill-miżuri ta' implementazzjoni, kif ukoll tal-prinċipji ta' kontradittorju u tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża, it-tieni, fuq applikazzjoni żbaljata tar-Regoli PEAM, it-tielet, fuq żball ta' evalwazzjoni tad-dokumenti ta' sostenn, ir-raba', fuq nuqqas ta' imparzjalità tas-Segretarju Ġenerali u, finalment, il-ħames, fuq il-preskrizzjoni tas-somom li ntalab l-irkupru tagħhom. Billi qies li s-somom inkwistjoni kienu preskritti u li l-firmatarju tan-nota ta' debitu inkwistjoni ma kienx iġġustifika l-kwalità tiegħu bħala uffiċjal awtorizzanti, l-appellant talab ukoll lill-Qorti Ġenerali tannulla n-nota ta' debitu.

26 Bis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, mingħajr ma ddeċidiet fuq l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà tar-rikors imqajma mill-Parlament, ċaħdet ir-rikors tal-appellant fil-mertu.

It-talbiet tal-partijiet fl-appell

27 J-C. Marchiani jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata.

28 Il-Parlament jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja:

— tiċħad l-appell u

— tikkundanna lill-appellant għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

29 Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jinvoka ħames aggravji.

30 Il-Parlament qies, prinċipalment, li l-appell huwa inammissibbli b'mod sħiħ. Sussidjarjament, il-Parlament isostni li l-aggravji invokati insostenn tal-appell għandhom jiġu miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondati.

Fuq l-ammissibbiltà tal-appell fl-intier tiegħu

31 Il-Parlament jeċċepixxi l-inammissibbiltà tal-appell fl-intier tiegħu, minħabba li l-appellant jillimita ruħu, essenzjalment, biex jirriproduċi l-motivi u l-argumenti li diġà ppreżenta quddiem il-Qorti Ġenerali, mingħajr ma jifformula argument li jikkonċerna b'mod speċifiku r-raġunament adottat mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata.

32 Madankollu, f'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-argument tal-Parlament huwa fformulat b'mod ġenerali u ma huwa b'ebda mod sostnut minn evalwazzjoni preċiża tal-argument żviluppat mill-appellant fil-kuntest tal-appell tiegħu.

33 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandha tiġi miċħuda l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà sa fejn din hija diretta kontra l-appell fl-intier tiegħu.

34 B'hekk, il-konstatazzjoni magħmula fil-punt preċedenti b'ebda mod ma tippreġudika l-eżami tal-ammissibbiltà ta' wħud mill-aggravji kkunsidrati separatament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Franza vs Il-Kummissjoni, C-601/11 P, EU:C:2013:465, punti 70, 71 u 73).

Fuq l-ewwel aggravju

L-argumenti tal-partijiet

35 Bl-ewwel aggravju tiegħu, li jinkludi fih sitt partijiet, l-appellant isostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-applikazzjoni tal-miżuri ta' implementazzjoni, ivvizzjat is-sentenza appellata b'kontradizzjoni tal-motivi u kisret il-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża.

36 Il-Parlament jirribatti li l-ewwel, il-ħames u s-sitt partijiet tal-ewwel aggravju huma inammissibbli, peress li, b'dawn il-partijiet, l-appellant jillimita ruħu biex jirrepeti, mingħajr ma jikkritika speċifikament il-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata, l-argument ippreżentat quddiem din tal-aħħar. Għall-bqija, dan il-motiv huwa parzjalment ineffettiv u parzjalment infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

37 Fir-rigward tal-inammissibbiltà tal-ewwel, tal-ħames u tas-sitt partijiet tal-ewwel aggravju, allegata mill-Parlament, għandu jitfakkar li, meta parti tikkontesta l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali, il-punti ta' liġi eżaminati fl-ewwel istanza jistgħu jerġgħu jiġu diskussi f'appell. Fil-fatt, li kieku parti ma setgħetx b'dan il-mod tibbaża l-appell tagħha

fuq motivi u fuq argumenti diġà użati quddiem il-Qorti Ġenerali, il-proċedura tal-appell tkun imċaħħda minn parti mis-sinjifikat tagħha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Settembru 2010, L-Isvezja *et* vs API u Il-Kummissjoni, C-514/07 P, C-528/07 P u C-532/07 P, EU:C:2010:541, punt 116).

38 F'dan il-każ, għalkemm huwa minnu li xi siltiet mill-argument żviluppat mill-appellant fil-kuntest tal-ewwel aggravju huma neqsin minn metikolożità, madankollu, mill-appell jirriżulta b'mod ċar li l-argumenti żviluppati fil-kuntest tal-ewwel, tal-ħames u tas-sitt partijiet ta' dan l-aggravju huma intiżi biex juru li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi fl-applikazzjoni tal-miżuri ta' implementazzjoni u kisret id-drittijiet tad-difiża tal-appellant. Għalhekk, dawn il-partijiet huma ammissibbli.

39 Bl-ewwel parti tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant isostni li l-Qorti Ġenerali marret kontra l-kliem espliċitu tal-Artikolu 68(3) tal-miżuri ta' implementazzjoni, li jippreċiżaw li din id-dispożizzjoni tapplika wkoll għall-ex membri tal-Parlament u għat-terzi, billi qieset li dawn il-miżuri ta' implementazzjoni ma kinux japplikaw għall-proċedura ta' rkupru mibdija kontra l-appellant, minkejja li huwa stabbilit li dan tal-aħħar huwa ex membru tal-Parlament.

40 F'dan ir-rigward, mill-Artikolu 68(1) tal-miżuri ta' implementazzjoni jirriżulta li "[k]walunkwe somma li titħallas b'mod indebitu skont dawn il-miżuri ta' implimentazzjoni għandha tiġi rkuprata". B'hekk, dan il-paragrafu jippreċiża l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-imsemmi Artikolu 68, billi jillimitah għall-irkupru tas-somom imħallsa b'applikazzjoni ta' dawn il-miżuri ta' implementazzjoni. Issa, huwa stabbilit li s-somom inkwistjoni f'dan il-każ tħallsu lill-appellant b'applikazzjoni tar-Regoli PEAM u mhux tal-miżuri ta' implementazzjoni, li d-dħul fis-seħħ tagħhom huwa sussegwenti għall-ħlasijiet inkwistjoni. Konsegwentement, kien mingħajr ma wettqet żball ta' liġi li l-Qorti Ġenerali eskludiet, fil-punti 27 u 28 tas-sentenza appellata, l-applikabbiltà tal-Artikolu 68 tal-miżuri ta' implementazzjoni għal dan il-każ, u ċ-ċirkustanza li din id-dispożizzjoni tirreferi għall-ex membri hija irrilevanti f'dan ir-rigward.

41 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 72(1), (3) u (4) tal-miżuri ta' implementazzjoni, din id-dispożizzjoni hija intiża biex timplementa proċedura ta' lment li tippermetti lis-Segretarju Ġenerali li jittratta lmenti mressqa mill-membri u mill-ex membri kif ukoll mill-aventi kawża tagħhom f'dak li jikkonċerna l-applikazzjoni korretta tal-imsemmija miżuri fir-rigward tagħhom. Issa, peress li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet ġustament li l-proċedura tal-irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament miftuħa kontra l-appellant ma kinitx ibbażata fuq l-Artikolu 68 tal-miżuri ta' implementazzjoni, għandu jiġi kkonstatat li kull oġġezzjoni tal-appellant dwar l-iżvolġiment ta' din il-proċedura ma tistax titqies li hija lment fis-sens tal-Artikolu 72.

42 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi meta eskludiet, fil-punti 27, 28 u 31 tas-sentenza appellata, l-applikabbiltà tal-miżuri ta' implementazzjoni għall-proċedura ta' rkupru tal-ammonti riċevibbli inkwistjoni f'dan il-każ.

43 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandha tiġi miċħuda wkoll il-ħames parti ta' dan l-aggravju, ibbażata fuq l-iżball ta' liġi li allegatament wettqet il-Qorti Ġenerali meta ddeċidiet li d-deċiżjoni inkwistjoni setgħet tiġi adottata abbażi tal-Artikoli 78 sa 80 tar-Regolament Nru 966/2012, meta kienu biss il-miżuri ta' implementazzjoni li kellhom jiġi applikati għall-proċedura tal-irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament miftuħa kontra ex membru.

44 Fil-fatt, is-sempliċi fatt li l-Artikoli 78 sa 80 tar-Regolament Nru 966/2012 ma jinkludux fihom metodi li jikkonċernaw speċifikament il-proċedura dwar l-irkupru ta' ammonti riċevibbli mingħand membri Ewropej, iżda jirrigwardaw il-konstatazzjoni tal-ammonti riċevibbli tal-Unjoni u l-awtorizzazzjoni tal-irkupru, hekk kif irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 31 tas-sentenza appellata, ma jistax jirrendi mhux applikabbli l-miżuri ta' implementazzjoni bi ksur tal-portata *ratione materiae* tagħhom.

45 B'hekk, l-ewwel u l-ħames partijiet tal-ewwel aggravju għandhom jiġu miċħuda.

46 Fir-rigward tat-tieni u tar-raba' partijiet tal-ewwel aggravju, ibbażati fuq allegata motivazzjoni kontradittorja tas-sentenza appellata f'dak li jikkonċerna l-applikabbiltà tal-Artikolu 68 tal-miżuri ta' implementazzjoni kif ukoll tar-Regoli PEAM f'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li dawn huma bbażati fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata.

47 Fil-fatt, fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali, wara li qieset, fil-punti 27 u 28 tas-sentenza appellata, li l-miżuri ta' implementazzjoni ma kinux applikabbli għall-proċedura miftuħa kontra l-appellant, indikat kjarament, fil-punt 29 ta' din is-sentenza, li kienet ser teżamina l-argumenti tal-appellant ibbażati fuq applikazzjoni żbaljata tal-Artikoli 68 u 72 tal-miżuri ta' implementazzjoni "indipendentement mill-kwistjoni jekk l-irkupru tas-somom imħallsa indebitament kellux iseħħ abbażi tal-miżuri ta' implementazzjoni" u "anki jekk jitqies li l-miżuri ta' implementazzjoni kienu applikabbli". Isegwi li l-Qorti Ġenerali ma vvizzjatx is-sentenza appellata b'kontradizzjoni ta' motivi f'dak li jikkonċerna l-applikabbiltà f'dan il-każ tal-imsemmi Artikolu 68, sa fejn din wettqet, għall-finijiet ta' kompletezza, l-eżami tal-ksur tal-miżuri ta' implementazzjoni.

48 Fit-tieni lok, mis-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 27 tas-sentenza msemmija, li, għalkemm il-ħlas tas-somom inkwistjoni, li seħħ bejn is-sena 2001 u s-sena 2004, sar abbażi tar-Regoli PEAM, dawn tal-aħħar tħassru, hekk kif esponiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 30 ta' din l-istess sentenza, fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni 2005/684/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tat-28 ta' Settembru 2005, li tadotta l-istatut għall-membri tal-Parlament Ewropew (ĠU 2005, L 262, p. 1). F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali qieset ġustament, fil-punt 31 tas-sentenza appellata, minħajr ma vvizzjat is-sentenza tagħha b'xi kontradizzjoni f'dan ir-rigward, li l-proċedura ta' rkupru tas-somom imħallsa indebitament, li fil-kuntest tagħha ġiet adottata d-deċiżjoni kkontestata fis-sena 2013, ma setgħetx tkun ibbażata fuq ir-Regoli PEAM.

49 Barra minn hekk, peress li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet ġustament, hekk kif jirriżulta mill-punti 40 sa 44 ta' din is-sentenza, li l-miżuri ta' implementazzjoni ma kinux applikabbli f'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat ukoll li t-tielet u r-raba' partijiet tal-ewwel motiv tal-appellant, sa fejn huma bbażati fuq interpretazzjoni żbaljata tal-interazzjoni bejn l-Artikoli 68 u 72 tal-imsemmija miżuri ta' implementazzjoni, kif ukoll fuq żnaturament tal-kontenut tal-ittra tas-27 ta' Ġunju 2013, li, skont l-appellant, kellha titqies li hija lment fis-sens tal-imsemmi Artikolu 72, huma diretti kontra motivi superfluwi tas-sentenza appellata u ma jistgħux, b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, iwasslu għall-annullament ta' din is-sentenza (ara s-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2011, Franza vs People's Mojahedin Organization of Iran, C-27/09 P, EU:C:2011:853, punt 79, u tat-13 ta' Frar 2014, L-Ungerija vs Il-Kummissjoni, C-31/13 P, EU:C:2014:70, punt 82).

50 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, it-tieni t-tielet u r-raba' partijiet tal-ewwel aggravju għandhom jiġu miċħuda.

51 Finalment, fir-rigward tas-sitt parti ta' dan l-aggravju, dwar l-iżball ta' liġi tal-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-evalwazzjoni tagħha tal-allegat ksur mill-Parlament tad-drittijiet tad-difiża tal-appellant, għandu jitfakkar li l-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża, f'kull proċedura miftuħa kontra persuna u li tista' twassal għal att li jikkawża preġudizzju, jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li għandu jiġi assigurat, anki fl-assenza ta' leġiżlazzjoni speċifika dwar dan is-suġġett. Dan il-prinċipju jeżiġi li d-destinatarji tad-deċiżjonijiet li jaffettwaw sostanzjalment l-interessi tagħhom ikunu f'pożizzjoni li jesprimu l-fehma tagħhom b'mod effettiv fir-rigward tal-elementi li huma allegati fil-konfront tagħhom, liema elementi huma l-bażi ta' dawn id-deċiżjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Frar 1992, Il-Pajjiżi l-Baxxi *et* vs Il-Kummissjoni, C-48/90 u C-66/90, EU:C:1992:63, punti 44 u 45; tal-24 ta' Ottubru 1996, Il-Kummissjoni vs Lisrestal *et*, C-32/95 P, EU:C:1996:402, punt 30, kif ukoll tad-9 ta' Ġunju 2005, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-287/02, EU:C:2005:368, punt 37).

52 Issa, permezz ta' din il-parti, l-appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 37 tas-sentenza appellata, qieset b'mod żbaljat li l-assenza ta' komunikazzjoni tal-ittra tiegħu tas-27 ta' Ġunju 2013 lill-Kwesturi ma ppreġudikatx id-drittijiet tad-difiża tiegħu, peress li dawn il-Kwesturi taw l-opinjoni tagħhom mingħajr ma kienu jafu l-pożizzjoni tal-appellant.

53 F'dan ir-rigward, mill-punti 32 sa 39 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali eżaminat jekk, fin-nuqqas ta' proċedura speċifika tal-irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament prevista mir-Regolament Nru 966/2012, id-drittijiet tad-difiża tal-appellant kinux ġew osservati fil-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 33 tas-sentenza appellata, mingħajr ma ġiet kontradetta fuq dan il-punt mill-appellant fl-appell tiegħu, li, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni, "is-Segretarju Ġenerali, minn naħa, sema' lill-appellant u, min-naħa l-oħra, ikkonsulta mal-Kwesturi".

54 L-appellant lanqas ma jallega żnaturament tal-evalwazzjoni tal-fatti magħmula mill-Qorti Ġenerali, fil-punt 36 tas-sentenza appellata, li tgħid li, kuntrarjament għal dak li allega quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Kwesturi ma ħadux deċiżjoni fil-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, iżda ġew biss ikkonsultati, u l-opinjoni tagħhom ma rabtitx lis-Segretarju Ġenerali fl-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni.

55 Barra minn hekk, hekk kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali fil-punt 37 tas-sentenza appellata, mingħajr ma din l-evalwazzjoni titqiegħed indiskussjoni mill-appellant fl-appell tiegħu, għalkemm il-Parlament ammetta li l-ittra tas-27 ta' Ġunju 2013 ma ġietx ikkomunikata lill-Kwesturi, din l-ittra tikkostitwixxi biss minuti, imfassla mill-appellant, tas-seduta tiegħu quddiem is-Segretarju Ġenerali. Issa, fl-assenza ta' kwalunkwe prova addizzjonali li tipprova kif l-assenza ta' komunikazzjoni ta' din l-ittra lill-Kwesturi fil-kuntest tal-konsultazzjoni tagħhom tikser ir-rekwiżiti li jirriżultaw mir-rispett tad-drittijiet tad-difiża tal-appellant, imfakkra fil-punt 51 ta' din is-sentenza, għandu jitqies li l-Qorti Ġenerali ċaħdet, ġustament, l-argument tal-appellant ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tiegħu. Għaldaqstant, hemm lok li s-sitt parti tal-ewwel aggravju tal-appell tiġi miċħuda.

56 Fid-dawl ta' dak li ntqal, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud b'mod sħiħ.

Fuq it-tieni aggravju

L-argumenti tal-partijiet

57 Bit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant josserva li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset, fil-punt 54 tas-sentenza appellata, li l-oneru tal-prova relattiva mal-użu tal-allowance ta' assistenza parlamentari konformement mar-Regoli PEAM kien jaqa', fil-kuntest tal-proċedura ta' rkupru ta' dawn l-allowances, fuq l-appellant u mhux fuq il-Parlament. Il-Qorti Ġenerali jmissha rrikonoxxiet li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi, minn naħa, li l-appellant issodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti minn dawn ir-regoli f'dak li jikkonċerna l-għoti tal-allowance msemmija fil-mument meta applika għaliha u, min-naħa l-oħra, li d-deċiżjoni inkwistjoni ġiet adottata iktar minn disa' snin wara li ntemm il-mandat tal-appellant, l-oneru tal-prova kien jaqa' fuq il-Parlament.

58 Il-Parlament isostni li dan l-aggravju, sa fejn huwa bbażat fuq applikazzjoni żbaljata tar-Regoli PEAM f'dak li jikkonċerna l-oneru tal-prova tal-użu konformi tal-allowance ta' assistenza parlamentari, huwa ineffettiv, peress li huwa dirett kontra motivi superfluwi tas-sentenza appellata. Sa fejn jirrigwarda l-ksur tal-prinċipju tat-terminu raġonevoli fir-rigward tal-oneru tal-prova msemmija, il-Parlament iqis li dan huwa infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

59 Għandu jiġi kkonstatat li t-tieni aggravju, sa fejn huwa bbażat fuq żball ta' liġi li allegatament wettqet il-Qorti Ġenerali meta ddeċidiet, fil-punt 54 tas-sentenza appellata, "li kien […] ir-rikorrent li kellu jipproduċi l-provi li jippermettu li titpoġġa indiskussjoni d-deċiżjoni [inkwistjoni] sa fejn din tindika li dan ma pproduċa ebda prova li tippermetti li jintwera li l-assistenti parlamentari inkwistjoni wettqu xogħlijiet ta' assistenti parlamentari fis-sens tal-Artikolu 14 tar-Regoli PEAM", huwa dirett kontra motivi superfluwi tas-sentenza appellata. Fil-fatt, minn dan il-punt 54 jirriżulta li l-ilment tal-appellant dwar l-oneru tal-prova li allegatament jinsab fuq il-Parlament ġie ppreżentat għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali fl-istadju tar-replika u li minħabba f'hekk ġie ddikjarat inammissibbli mill-Qorti Ġenerali.

60 B'dan il-mod, għalhekk, dan l-aggravju għandu, b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 49 ta' din is-sentenza, jiġi miċħud bħala ineffettiv.

61 Barra minn hekk, sa fejn l-appellant isostni wkoll li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta kkunsidrat tqassim tal-oneru tal-prova favur il-Parlament f'dak li jikkonċerna l-użu tal-allowances ta' assistenza parlamentari konformement mar-Regoli PEAM minkejja l-perijodu twil li għadda bejn it-tmiem tal-mandat tal-membru u d-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni, għandu jiġi enfasizzat li mill-proċess tal-ewwel istanza jirriżulta li tali argument ma tressaqx quddiem il-Qorti Ġenerali. Għalhekk, dan l-argument jippreżenta natura ġdida u għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli, b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tat-8 ta' Marzu 2016, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, C-431/14 P, EU:C:2016:145, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 Għalhekk, it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tielet aggravju

L-argumenti tal-partijiet

63 Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, l-appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali, fl-ewwel lok, kisret il-prinċipju ta' kontradittorju billi naqset milli tadotta deċiżjoni dwar il-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), meta l-KEDB kienet torbot lill-Parlament bħala istituzzjoni tal-Unjoni.

64 Fit-tieni lok, l-appellant iqis li l-prinċipju ta' imparzjalità hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 6 tal-KEDB għandu portata iktar estiża mill-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba msemmi mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata għall-finijiet li tagħti deċiżjoni dwar il-motiv korrispondenti invokat insostenn tar-rikors quddiemha. B'hekk, il-Qorti Ġenerali kisret ukoll il-prinċipju ta' imparzjalità.

65 Il-Parlament iqis, prinċipalment, li t-tielet aggravju għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli, peress li l-appellant jillimita ruħu biex jirrepeti l-argumenti li diġà ppreżenta quddiem il-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, dan l-aggravju huwa bbażat fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata, peress li l-Qorti Ġenerali mmotivat debitament iċ-ċaħda tagħha tal-motiv ibbażat fuq l-allegata parzjalità tas-Segretarju Ġenerali. F'kull każ, l-Artikolu 6 tal-KEDB ma jistax ikun applikabbli għall-proċedura quddiem is-Segretarju Ġenerali.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

66 Fir-rigward, qabel kollox, tal-argument tal-Parlament li jgħid li t-tielet aggravju għandu jiġi ddikjarat inammissibbli, għandu jiġi enfasizzat li, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 37 ta' din is-sentenza, meta parti tikkontesta l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali, il-punti ta' liġi eżaminati fl-ewwel istanza jistgħu jiġu diskussi mill-ġdid fl-appell, għaliex inkella l-proċedura tal-appell tkun imċaħħda minn parti mis-sens tagħha. Dan l-argument huwa iktar rilevanti meta jkun ilmentat li l-Qorti Ġenerali naqset b'mod żbaljat milli teżamina motiv tal-appellant (ara d-digriet tat-22 ta' Ġunju 2004, Meyer vs Il-Kummissjoni, C-151/03 P, mhux ippubblikat, EU:C:2004:381, punt 50).

67 Issa, permezz tat-tielet aggravju tiegħu, l-appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali naqset milli tiddeċiedi dwar l-argument tiegħu bbażat fuq ksur tal-Artikolu 6 tal-KEDB f'dan il-każ. It-tielet aggravju tal-appell huwa, għalhekk, ammissibbli.

68 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, bl-argument li jgħid li l-Qorti Ġenerali ma tatx deċiżjoni dwar l-ilment ibbażat fuq l-Artikolu 6 tal-KEDB, l-appellant jilmenta, fir-realtà, li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx deċiżjoni, fil-kuntest tal-eżami tal-ilment ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' imparzjalità, dwar l-argument tiegħu, ifformulat għall-ewwel darba fl-istadju tar-replika, li jgħid li dan il-prinċipju huwa stabbilit ukoll mill-imsemmi Artikolu 6, li jorbot lill-Parlament bħala istituzzjoni tal-Unjoni.

69 Issa, hija ġurisprudenza stabbilita li l-obbligu tal-Qorti Ġenerali li timmotiva d-deċiżjonijiet tagħha ma jimplikax li din hija marbuta li twieġeb fid-dettall għal kull argument invokat (ara s-sentenza tad-9 ta' Settembru 2008, FIAMM *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-120/06 P u C-121/06 P, EU:C:2008:476, punt 91, kif ukoll id-digriet tad-29 ta' Ottubru 2009, Portela vs Il-Kummissjoni, C-85/09 P, mhux ippubblikat, EU:C:2009:685, punt 31). Għaldaqstant, il-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali tista' tkun impliċita bil-kundizzjoni li tippermetti lill-persuni kkonċernati jsiru jafu l-motivi tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali u lill-Qorti tal-Ġustizzja li jkollha elementi suffiċjenti sabiex teżerċita l-istħarriġ tagħha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-22 ta' Mejju 2008, Evonik Degussa vs Il-Kummissjoni, C-266/06 P, EU:C:2008:295, punt 103, u tat-8 ta' Marzu 2016, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, C-431/14 P, EU:C:2016:145, punt 38).

70 Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, għandu jiġi kkonstatat li, għalkemm il-Qorti Ġenerali, fil-punti 63 sa 68 tas-sentenza appellata, ma tatx deċiżjoni espressament fuq l-Artikolu 6 tal-KEDB, madankollu, mill-motivi mogħtija mill-Qorti Ġenerali jirriżulta b'mod ċar li din adottat pożizzjoni fuq l-ilment ibbażata fuq il-prinċipju ta' imparzjalità billi ċaħditu permezz ta' motivazzjoni li tippermetti lill-appellant li jifhem il-motivi tad-deċiżjoni tagħha u lill-Qorti tal-Ġustizzja li teżerċita l-istħarriġ tagħha. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat b'mod partikolari, fil-punt 63 tas-sentenza appellata, li l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, applikabbli għall-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni, jinkludi l-obbligu għal kull istituzzjoni li teżamina b'mod imparzjali l-elementi rilevanti kollha tal-każ ineżami. Barra minn hekk, din irrilevat, fil-punt 64 ta' din is-sentenza, li s-Segretarju Ġenerali għandu jieħu l-impenn solenni quddiem il-bureau tal-Parlament li jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu b'imparzjalità sħiħa u bil-kuxjenza. Sussegwentement, din iddeċidiet, fil-punti 65 sa 68 tas-sentenza msemmija, wara eżami ddettaljat, li s-Segretarju Ġenerali ma naqasx minn dan l-impenn meta adotta d-deċiżjoni inkwistjoni. B'hekk, fil-punti 63 sa 68 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni fuq l-ilment tal-appellant ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' imparzjalità.

71 Barra minn hekk, mingħajr ma huwa neċessarju li tiġi adottata deċiżjoni dwar il-kwistjoni jekk l-Artikolu 6 tal-KEDB japplikax għal proċedura amministrattiva dwar l-irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament miftuħa mill-Parlament, għandu jiġi rrilevat li, sa fejn l-appellant jillimita ruħu biex isostni li l-prinċipju ta' imparzjalità hekk kif jirriżulta minn din id-dispożizzjoni għandu portata iktar estiża milli fil-kuntest tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, madankollu ma jressaq ebda argument legali li jippermetti li jitpoġġew indiskussjoni l-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li jinsabu fil-punti 63 sa 68 tas-sentenza appellata.

72 Konsegwentement, dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkritikati tas-sentenza li qiegħed jintalab l-annullament tagħha, kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku din it-talba (sentenzi tal-11 ta' April 2013, Mindo vs Il-Kummissjoni, C-652/11 P, EU:C:2013:229, punt 21, kif ukoll tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-583/11 P, EU:C:2013:625, punt 46).

73 Għalhekk, it-tielet aggravju mqajjem insostenn tal-appell tal-appellant għandu jiġi miċħud.

Fuq ir-raba' aggravju

74 Permezz tar-raba' aggravju tiegħu, l-appellant isostni li meta kkonkludiet li l-irkupru tas-somom imħallsa indebitament ma kienx preskritt, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi. Dan l-aggravju jinqasam f'erba' partijiet. It-tielet parti ta' dan l-aggravju għandha tiġi eżaminata fl-ewwel lok, u l-ewwel u t-tieni partijiet ta' dan l-aggravju għandhom jiġu eżaminati flimkien.

Fuq it-tielet parti tar-raba' aggravju

– L-argumenti tal-partijiet

75 Bit-tielet parti tar-raba' aggravju tiegħu, l-appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, billi ddeċidiet li l-appellant ma setax jemmen li s-somom li kienu tħallsu lilu abbażi tal-allowance ta' assistenza parlamentari ma kinux ser jintalbu mingħandu iktar minħabba l-perijodu twil li għadda bejn id-data li fiha tħallsu lilu dawn is-somom u dik tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

76 Il-Parlament jikkontesta l-argument tal-appellant.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

77 Għandu jitfakkar li d-dritt li jiġi invokat il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jippreżumi li jkunu ngħataw assigurazzjonijiet preċiżi, inkondizzjonati u konkordanti, li jkunu ġejjin minn sorsi awtorizzati u affidabbli, lill-persuna kkonċernata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-22 ta' Ġunju 2006, Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, C-182/03 u C-217/03, EU:C:2006:416, punt 147, kif ukoll tas-7 ta' April 2011, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, C-321/09 P, EU:C:2011:218, punt 45).

78 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 80 tas-sentenza appellata, li l-appellant ma ressaq ebda argument li jippermetti li jitqies li, fir-rigward taċ-ċirkustanzi tal-każ, huwa kiseb aspettattivi leġittimi fil-fatt li s-somom inkwistjoni ma setgħux jiġu rkuprati. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-provi għad-dispożizzjoni tagħha, relatati mal-iżvolġiment tal-proċedura miftuħa kontra l-appellant, kienu jeskludu li dan seta' kellu tali aspettattivi, u dan minkejja l-perijodu twil li għadda minn meta seħħew il-fatti li wasslu għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

79 B'hekk, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 77 ta' din is-sentenza, għandu jitqies li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet, ġustament, li s-sempliċi fatt li għadda perijodu twil bejn id-data li fiha tħallsu dawn is-somom u dik tal-adozzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni ma huwiex biżżejjed, minnu nnifsu u fl-assenza ta' kull prova rilevanti oħra, biex joħloq, fl-appellant, aspettattiva leġittima fil-fatt li s-somom inkwistjoni ma humiex ser jiġu iktar irkuprati.

80 Konsegwentement, għandu jitqies li l-Qorti Ġenerali, ġustament, ċaħdet l-ilment tal-appellant ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

81 Minn dan isegwi li t-tielet parti tar-raba' aggravju hija infondata.

Fuq l-ewwel u t-tieni partijiet tar-raba' aggravju

– L-argumenti tal-partijiet

82 Permezz tal-ewwel parti tar-raba' aggravju tiegħu, l-appellant josserva li l-Qorti Ġenerali kisret ir-Regolament Nru 1605/2002 u r-Regolament Nru 478/2007, meta ddeċidiet li s-somom mitluba abbażi tad-deċiżjoni inkwistjoni ma kinux preskritti, filwaqt li kellha tirrikonoxxi li s-somom imħallsa matul is-sena 2001 u fil-bidu tas-sena 2002 kienu preskritti fl-2007, b'applikazzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin previst mir-Regolament Nru 1605/2002. Fir-rigward tas-somom imħallsa matul it-tieni nofs tas-sena 2002 u tas-sena 2004, id-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 478/2007, li jippreċiża li t-terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin kien jibda jiddekorri mid-data limitu kkomunikata lid-debitur fin-nota ta' debitu, ma setax interrompa l-preskrizzjoni fis-seħħ, peress li ebda nota ta' debitu ma nħarġet mill-Parlament f'dan il-każ matul il-perijodu ta' preskrizzjoni li kien fadal.

83 Permezz tat-tieni parti ta' dan ir-raba' aggravju, l-appellant isostni li l-Qorti Ġenerali, meta ċaħdet l-argument tiegħu li jgħid li n-nota ta' debitu inkwistjoni, adottata abbażi tar-Regolament ta' Delega Nru 1268/2012, ma setgħetx tiftaħ mill-ġdid it-termini ta' preskrizzjoni li kienu skadew fl-2009, kisret il-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività.

84 Il-Parlament jikkontesta l-argument tal-appellant.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

85 Permezz tal-ewwel u tat-tieni partijiet tar-raba' aggravju, l-appellant jesponi li terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin tal-ammonti riċevibbli mill-Unjoni mingħand terzi kien previst mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fis-seħħ fid-data tal-ħlas tas-somom inkwistjoni, u li r-regola relatata mal-bidu tad-dekorrenza ta' dan it-terminu, li tgħid li jibda jiddekorri mid-data indikata fin-nota ta' debitu, ġiet adottata biss matul is-sena 2007.

86 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ppreċiżat li l-Artikolu 73a tar-Regolament Nru 1605/2002 li kien jistabbilixxi terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin tal-ammonti riċevibbli mill-Unjoni ma setax, waħdu, mingħajr il-metodi ta' applikazzjoni tiegħu, jiġi invokat utilment biex jiġi stabbilit li ammont riċevibbli mill-Unjoni kien preskritt (ara s-sentenza tat-13 ta' Novembru 2014, Nencini vs Il-Parlament, C-447/13 P, EU:C:2014:2372, punti 43 u 44).

87 Għalhekk, dan l-Artikolu 73a, li għandu jinqara flimkien mal-metodi ta' applikazzjoni tiegħu previsti fl-Artikolu 85b tar-Regolament Nru 2342/2002, jipprovdi terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin biex il-korpi tal-Unjoni jkunu jistgħu jirkupraw ammonti riċevibbli mill-Unjoni mingħand terzi, fejn il-bidu tad-dekorrenza ta' dan it-terminu jibda mid-data limitu kkomunikata lid-debitur fin-nota ta' debitu (ara s-sentenza tat-13 ta' Novembru 2014, Nencini vs Il-Parlament, C-447/13 P, EU:C:2014:2372, punti 45 u 46).

88 Din l-interpretazzjoni tapplika wkoll għall-Artikolu 81 tar-Regolament Nru 966/2012 u għall-Artikolu 93 tar-Regolament ta' Delega Nru 1268/2012, li kienu fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, peress li dawn id-dispożizzjonijiet jikkorrispondu, essenzjalment, rispettivament mal-Artikolu 73a tar-Regolament Nru 1605/2002 u mal-Artikolu 85b tar-Regolament Nru 2342/2002.

89 Kuntrarjament għal dak li jidher li jikkunsidra l-appellant, dawn id-dispożizzjonijiet ma ffissaw ebda terminu li fih nota ta' debitu kellha tiġi kkomunikata lid-debitur mid-data li fiha jkun seħħ il-fatt li wassal għall-ammont riċevibbli inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Novembru 2014, Nencini vs Il-Parlament, C-447/13 P, EU:C:2014:2372, punt 47). Isegwi li l-Qorti Ġenerali, ġustament, ikkunsidrat li l-ammonti riċevibbli intiżi mid-deċiżjoni kkontestata ma kinux preskritti u li d-deċiżjoni kkontestata ma kinitx ġiet adottata bi ksur tal-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività.

90 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ewwel u t-tieni partijiet tar-raba' aggravju għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

Fuq ir-raba' parti tar-raba' aggravju

– L-argumenti tal-partijiet

91 Bir-raba' parti tar-raba' aggravju tal-appell tiegħu, l-appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali kisret il-portata tal-prinċipju tat-terminu raġonevoli billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-kawża. L-appellant iqis li l-Qorti Ġenerali jmissha rrikonoxxiet, fid-dawl tal-ammont sinjifikattiv tas-somom inkwistjoni, il-kumplessità dgħajfa tal-kawża kif ukoll l-aġir eżemplari tal-appellant, li t-terminu ta' kważi għaxar snin li kien għadda bejn tmiem il-mandat tal-appellant u l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata mill-Parlament kellu natura irraġonevoli.

92 Il-Parlament jikkunsidra, prinċipalment, li l-Qorti Ġenerali ma kellhiex teżamina f'dan il-każ il-ksur tat-terminu raġonevoli, peress li dan il-ksur ma kienx ġie invokat quddiemha mill-appellant. Jekk madankollu kellu jitqies li l-Qorti Ġenerali qajmet *ex officio* l-motiv ibbażat fuq il-ksur tat-terminu raġonevoli, din tal-aħħar tkun wettqet żball ta' liġi, peress li dan il-motiv ma jidħolx fil-kategorija tal-motivi li jistgħu jew li għandhom jitqajmu *ex officio* mill-Qorti Ġenerali. F'kull każ, il-Qorti Ġenerali jmissha stiednet lill-partijiet biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar dan is-suġġett. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Parlament jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tissostitwixxi xi aggravji tas-sentenza appellata.

93 Sussidjarjament, il-Parlament jikkunsidra li l-prinċipju tat-terminu raġonevoli ma nkisirx mill-Qorti Ġenerali.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

94 Għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-osservanza ta' terminu ta' preskrizzjoni ma tistax tiġi eżaminata *ex officio* mill-qorti tal-Unjoni, iżda għandha titqajjem mill-parti kkonċernata (sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni, C-469/11 P, EU:C:2012:705, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata). F'dan il-każ, huwa stabbilit li l-appellant qajjem espressament quddiem il-Qorti Ġenerali l-ilment ibbażat fuq azzjoni tardiva mill-Parlament f'dak li jikkonċerna l-konstatazzjoni tal-ammont riċevibbli tiegħu fis-sens li tikser id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Nri 1605/2002 u 2342/2002, li jipprovdu r-regoli ta' preskrizzjoni applikabbli għall-ammonti riċevibbli miżmuma mill-Unjoni mingħand terzi.

95 F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali, hekk kif dan jirriżulta mill-punt 89 ta' din is-sentenza, iddeċidiet ġustament li ebda dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma kienet tippreċiża t-terminu li fih nota ta' debitu, jiġifieri l-att li bih il-konstatazzjoni ta' ammont riċevibbli minn istituzzjoni tal-Unjoni tiġi nnotifikata lid-debitur, kellha tiġi kkomunikata lil dan tal-aħħar.

96 Issa, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, f'tali ċirkustanzi, ir-rekwiżit ta' ċertezza legali jeħtieġ li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jeżerċitaw is-setgħat tagħhom f'terminu raġonevoli (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Settembru 2002, Falck u Acciaierie di Bolzano vs Il-Kummissjoni,

C-74/00 P u C-75/00 P, EU:C:2002:524, punti 139 sa 141 u l-ġurisprudenza ċċitata; tat-28 ta' Frar 2013, Réexamen Arango Jaramillo *et* vs BEI, C-334/12 RX-II, EU:C:2013:134, punt 28, kif ukoll tat-13 ta' Novembru 2014 Nencini vs Il-Parlament, C-447/13 P, EU:C:2014:2372, punti 47 u 48), hekk kif irrilevat ukoll il-Qorti Ġenerali fil-punt 81 tas-sentenza appellata.

97 Isegwi li l-Qorti Ġenerali tat interpretazzjoni korretta, fil-punti 81 sa 87 tas-sentenza appellata, fis-silenzju tat-testi applikabbli u fir-rigward taċ-ċirkustanzi tal-każ, fuq l-argumenti tal-appellant ibbażati fuq azzjoni tardiva tal-Parlament fir-rigward tal-konstatazzjoni tal-ammonti riċevibbli li kellu fir-rigward tiegħu, anki mill-aspett tal-prinċipju tat-terminu raġonevoli.

98 Konsegwentement, għandhom jiġu miċħuda l-oġġezzjonijiet ta' dan tal-aħħar esposti fil-punt 92 ta' din is-sentenza, u għandha tiġi eżaminata l-fondatezza tar-raba' parti tar-raba' aggravju tal-appellant, li biha dan tal-aħħar jilmenta li l-Qorti Ġenerali kisret il-portata tal-prinċipju tat-terminu raġonevoli.

99 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li n-natura raġonevoli ta' terminu għandha tiġi evalwata fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha speċifiċi għal kull kawża u, b'mod partikolari, tal-interess fit-tilwima għall-persuna kkonċernata, tal-kumplessità tal-kawża u tal-istadji proċedurali differenti li l-istituzzjoni tal-Unjoni tkun segwiet, kif ukoll tal-aġir tal-partijiet matul il-proċedura (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Lulju 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-501/00, EU:C:2004:438, punt 53; tas-7 ta' April 2011, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, C-321/09 P, EU:C:2011:218, punt 34, kif ukoll tat-28 ta' Frar 2013, Réexamen Arango Jaramillo *et* vs BEI, C-334/12 RX-II, EU:C:2013:134, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

100 Fil-fatt, in-natura raġonevoli ta' terminu ma tistax tiġi eżaminata b'riferiment għal limitu massimu preċiż, iddeterminat b'mod astratt (sentenzi tas-7 ta' April 2011, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, C-321/09 P, EU:C:2011:218, punt 33, kif ukoll tat-28 ta' Frar 2013, Réexamen Arango Jaramillo *et* vs BEI, C-334/12 RX-II, EU:C:2013:134, punti 29 u 30).

101 Fir-rigward tal-kuntest speċifiku ta' kull każ, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ppreċiżat li l-Artikolu 73a tar-Regolament Nru 1605/2002, li jikkorrispondi, essenzjalment, mal-Artikolu 81 tar-Regolament Nru 966/2012, huwa intiż biex jillimita *ratione temporis* il-possibbiltà li jiġu rkuprati l-ammonti riċevibbli tal-Unjoni mingħand terzi, biex jiġi ssodisfatt il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba u jiffissa, għal dan il-għan, terminu ta' ħames snin, u li l-Artikolu 85b tar-Regolament Nru 2342/2002, li jikkorrispondi mal-Artikolu 93(1) tar-Regolament ta' Delega Nru 1268/2012, jipprevedi li dan it-terminu jibda jiddekorri mid-data limitu kkomunikata fin-nota ta' debitu lid-debitur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Novembru 2014, Nencini vs Il-Parlament, C-447/13 P, EU:C:2014:2372, punt 45).

102 Fid-dawl tal-Artikolu 73a, ġie deċiż li, fis-skiet tat-testi applikabbli f'dak li jikkonċerna t-terminu ta' komunikazzjoni ta' nota ta' debitu lid-debitur minn istituzzjoni tal-Unjoni, dan it-terminu għandu, fil-prinċipju, jiġi preżunt irraġonevoli meta din il-komunikazzjoni sseħħ lil hinn minn perijodu ta' ħames snin li jibda jiddekorri mill-mument meta l-istituzzjoni normalment tkun fil-pożizzjoni li tinvoka l-ammont riċevibbli tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Novembru 2014, Nencini vs Il-Parlament, C-447/13 P, EU:C:2014:2372, punti 48 u 49).

103 F'dan ir-rigward, għandu jitqies li, fid-dawl tal-Artikolu 78(1) u (2) tar-Regolament Nru 966/2012 kif ukoll tal-Artikoli 81 u 82 tar-Regolament ta' Delega Nru 1268/2012, istituzzjoni tal-Unjoni tista' normalment tkun fil-pożizzjoni li tinvoka ammont riċevibbli tagħha mid-data li fiha din l-istituzzjoni jkollha dokumenti ta' sostenn li jippermettu l-identifikazzjoni ta' ammont riċevibbli partikolari bħala ċert, likwidu u dovut jew setgħet kellha tali dokumenti ta' sostenn li kieku aġixxiet bid-diliġenza meħtieġa.

104 F'dan il-kuntest, għandu jiġi ppreċiżat li t-tul ta' iktar minn ħames snin li ddekorra bejn id-data li fiha l-istituzzjoni kienet normalment f'pożizzjoni li tinvoka l-ammont riċevibbli tagħha u d-data ta' komunikazzjoni ta' nota ta' debitu ma jistax, awtomatikament, iwassal għall-ksur tal-prinċipju tat-terminu raġonevoli. Fil-fatt, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 99 ta' din is-sentenza, għandu wkoll jiġi vverifikat jekk tali terminu jistax jiġi spjegat minn ċirkustanzi speċifiċi għall-kawża.

105 Huwa għalhekk li, fil-punt 49 tas-sentenza tat-13 ta' Novembru 2014, Nencini vs Il-Parlament (C-447/13 P, EU:C:2014:2372), il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għall-perijodu ta' ħames snin imsemmi f'dan il-punt, mhux bħala limitu massimu li lil hinn minnu l-komunikazzjoni ta' nota ta' debitu mill-istituzzjoni lid-debitur għandha, indipendentement miċ-ċirkustanzi tal-każ, titqies li neċessarjament seħħet f'terminu irraġonevoli, iżda insostenn tal-preżunzjoni, barra minn hekk konfutabbli, imsemmija fil-punt 102 ta' din is-sentenza.

106 Bl-istess mod, komunikazzjoni ta' tali nota ta' debitu f'terminu inferjuri għall-imsemmi terminu ta' ħames snin, f'kawża ta' inqas kumplessità, fejn l-interess għad-debitur huwa sinjifikattiv jew li fiha l-istituzzjoni tal-Unjoni kienet naqset milli teżerċita diliġenza, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-kisba tad-dokumenti ta' sostenn li jippermettulha li tidentifika ammont riċevibbli bħala ċert, likwidu u dovut, tista' ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-prinċipju tat-terminu raġonevoli. F'tali każ, ikun id-debitur li jkollu jipproduċi l-prova tan-natura irraġonevoli ta' tali terminu inferjuri għat-terminu ta' ħames snin.

107 F'dan il-każ, permezz tad-deċiżjoni kkontestata, il-Parlament jixtieq jikseb mingħand l-appellant ir-rimbors ta' ammont supplimentari li dan ħallsu abbażi tal-allowances ta' assistenza parlamentari li jiżdied ma' dak diġà mitlub bid-deċiżjoni ta' talba għal rimbors tas-Segretarju Ġenerali tal-4 ta' Marzu 2009. Din it-talba għal rimbors supplimentari ġiet adottata wara l-preżentazzjoni, fl-14 ta' Ottubru 2011, tar-rapport tal-OLAF, li minnu jirriżulta li ebda wieħed mit-tliet assistenti tal-appellant ma kien iwettaq xogħlijiet ta' assistenza parlamentari. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li l-Parlament kien, f'dan il-każ, normalment fil-pożizzjoni li jinvoka l-ammont riċevibbli tiegħu, fis-sens ippreċiżat fil-punt 103 ta' din is-sentenza, fid-data tal-preżentazzjoni ta' dan ir-rapport. Peress li n-nota ta' debitu inkwistjoni nħarġet mill-Parlament fil-5 ta' Lulju 2013, it-terminu li fih din tal-aħħar ġiet ikkomunikata lill-appellant ma jistax jitqies li huwa irraġonevoli.

108 Konsegwentement, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 99 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali setgħet, mingħajr ma twettaq żball ta' liġi, tiddeċiedi li l-Parlament, meta adotta d-deċiżjoni kkontestata u n-nota ta' debitu inkwistjoni, ma naqasx milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont il-prinċipju tat-terminu raġonevoli, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża, b'mod partikolari dawk relatati mal-aġir u mad-diliġenza tal-istituzzjoni tal-Unjoni fit-tmexxija tal-proċedura li wasslet għall-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni u ta' din in-nota.

109 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-raba' parti tar-raba' aggravju invokat mill-appellant insostenn tal-appell tiegħu hija infondata.

110 Ir-raba' aggravju għandu, għaldaqstant, jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq il-ħames aggravju

111 Bil-ħames aggravju tiegħu, l-appellant jilmenta li l-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talba tiegħu intiża għall-annullament tan-nota ta' debitu inkwistjoni, filwaqt li jmissha rrikonoxxiet in-natura preskritta tas-somom mitluba mid-deċiżjoni kkontestata u, għalhekk, tannulla din in-nota.

112 Il-Parlament iqis li l-argumenti żviluppati mill-appellant fil-kuntest ta' dan l-aggravju jikkostitwixxu sempliċi repetizzjoni tal-argumenti mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali. F'kull każ, dawn għandhom jiġu miċħuda, peress li l-appellant jallega b'mod żbaljat li l-irkupru tas-somom ikkunsidrati mid-deċiżjoni kkontestata huwa preskritt.

113 Fir-rigward tal-ħames aggravju, biżżejjed li jiġi rrilevat li ċ-ċaħda tar-raba' aggravju, ibbażat fuq ksur tar-regoli ta' preskrizzjoni u tal-prinċipju tat-terminu raġonevoli timplika, bħala konsegwenza u għall-istess motivi, iċ-ċaħda tal-ħames aggravju.

114 Peress li ebda wieħed mill-aggravji ma seta' jintlaqa', l-appell għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Dwar l-ispejjeż

115 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi fuq l-ispejjeż.

116 Skont l-Artikolu 138(1) tal-istess regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

117 Peress li l-appellant tilef, hemm lok li jiġi kkundannat għall-ispejjeż, skont it-talbiet tal-Parlament.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Jean-Charles Marchiani huwa kkundannat għall-ispejjeż.

Firem